MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1070/2008

**Simone Cauchi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Ottubru 2008 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi in forza ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Familja fil-25 ta’ Ġunju 2008, hawn annessa u mmarkata Dok. A, il-Qorti ddikjarat illi l-missier naturali ta’ l-attriċi mhuwiex Emanuel Schembri iżda John Cutajar.

Illi *inoltre*, il-istess Qorti ordnat lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjoni opportuna fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-attriċi billi fil-kolonna intestata

*"Isem u Kunjom il-Missier"*, l-isem *"Emanuel Schembri"* ġie kanċellat, u sostitwit bl-isem *"John Cutajar"*.

Illi l-esponenti hija miżżewġa u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat taż-żwieġ tagħha li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2338/1990 hawn anness u mmarkat Dok. B.

Illi *inoltre*, l-esponenti għandha tlett ulied minorenni u ċioe' Amelia Cauchi, Christian Cauchi u Mariel Cauchi bin-numri ta' iskrizzjoni 278/2005, 2737/1993 u 1196/1997 rispettivament u dan kif jirriżulta mill-annessi tlett ċertifikati tat-twelid markati Dok. C, Dok. D u Dok. E rispettivament.

Illi jeħtieġ illi ċertifikati tat-twelid tat-tlett minuri markati, Dok. C, Dok. D u Dok. E jiġu korretti fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"*, kunjom xbubit l-esponenti jiġi kanċellat u sostitwit bil-kunjom *"Cutajar"*.

Illi jeħtieġ ukoll illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' l-attriċi li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 2338/1990, markat Dok. B, jiġi wkoll korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Ġenituri tal-Miżżewġin"*, missier l-esponenti jiġi indikat bħala *"John Cutajar"* u mhux *"Emanuel Schembri"*.

Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m' għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna illi ċ-ċertifikati tat-twelid tat-tlett minorenni Amelia Cauchi, Christian Cauchi u Mariel Cauchi markati Dok. C, Dok. D u Dok. E rispettivament, jiġu korretti fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Isem u Kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm"*, kunjom xbubit l-attriċi jiġi ndikat bħala *"Cutajar"* u mhux *"Schembri"*.

2. Tordna illi ċ-ċertifikati taż-żwieġ ta' l-attriċi markat Dok. B, jiġi korrett fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Ġenituri tal-Miżżewġin"*, isem missier l-attriċi jiġi ndikat bħala *"John Cutajar"* u mhux *"Emanuel Schembri"*.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-9 ta' Frar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent ma joġġezzjonax għall-korrezzjoni mitluba fit-talbiet tar-rikors ġuramentat, pero' jirrileva li l-korrezzjonijiet għandhom jintalbu fuq l-Atti ta' l-Istat Ċivili u mhux fuq l-estratt *stante* li l-korrezzjonijiet jiġu nkorporati awtomatikament fl-estratt ladarba l-atti ta' l-Istat Ċivili jiġu korretti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti.

3. Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ illi r-rikorrenti tispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Atti ta' l-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk hemm xi oħrajn, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ta' l-attur;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 254 saret debitament.

F'dan il-każ l-attriċi qed titlob korrezzjoni taċ-ċertifikati tat-twelid ta' wliedha peress li fil-frattemp ġie korrett dak tagħha wara sentenza tal-Qorti illi rrikonoxxiet lil John Cutajar bħala missierha. Għalhekk it-talba tagħha hija ġustifikata għalkemm kif sewwa eċċepixxa l-konvenut għandu jiġi korrett l-Att proprju u mhux l-estratt tiegħu. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi – dejjem b'riferenza għall-Atti in kwistjoni; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------